MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 66/2009

Joseph M **ZRINZO** u Mario Xuereb, it-tnejn fil-kwalita' tagħhom ta' ko-amministratur (segretarju) u ko-amministratur (*managing agent*) ta' *Seacliff Apartments Owners Association* kif ukoll *Seacliff Garage Owners Association* kif debitament reġistrati

vs

**IL-PRIM MINISTRU**, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta’ Novembru, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrenti *nomine* talbu li din il-Qorti ssib li (i) l-Avviż Legali numru mitejn u disgħa u sebgħin (279) tas-sena 2005 u kif ukoll l-artikolu 15(11) tal-Kapitolu 387[1] tal-Liġijiet ta’ Malta jiksru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kostituzzjoni”) u kif ukoll l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”) u għalhekk ma jorbtuhomx; (ii) tordna li jitwaqqaf il-proċediment tal-arbitraġġ mandatorju numru M1895/2009 mibdi kontrihom; u (iii) tagħti dawk ir-rimedji u direttivi li jidhrilha xierqa u meħtieġa sabiex “jiġu sanċiti d-drittijiet kostituzzjonali u fundamentali” tagħhom;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-30 ta’ Diċembru, 2009, li biha laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrenti billi, b’mod preliminari, qalu li l-intimat Onorevoli Prim Ministru mhuwiex il-kontradittur leġittimu tar-rikorrenti ladarba skond l-artikolu 181B(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta l-intimat l-ieħor l-Avukat Ġenerali jidher fil-kawżi għall-Gvern u għalhekk ma kienx meħtieġ li l-kawża tinfetaħ kontrih ukoll; u qalu li jonqos fir-rikorrenti l-interess ġuridiku għaliex l-ilmenti tagħhom huma magħmula *in abstracto* kontra l-artikolu tal-liġi li jimponi l-arbitraġġ koatt u mhux għaliex urew li qegħdin iġarrbu tassew xi ksur tal-jedd ta’ smigħ xieraq fil-proċeduri tal-arbitraġġ li huma ssejħu jidhru fih.  Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li l-Avviż Legali 279 tal-2005 u l-artikolu 15(11) tal-Att tal-1996 dwar l-Arbitraġġ jiksru d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni u taw bosta fehmiet għaliex itennu din il-fehma;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta’ Marzu, 2010[2], li bih ordnat lir-rikorrenti biex iressqu x-xhieda li jistgħu bil-mezz tal-affidavit u dan bla ebda ħsara għat-talba magħmula minnhom b’rikors tat-2 ta’ Frar, 2010, biex din il-Qorti tistenna kif kienet sejra tinqata’ l-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet “***Joseph Muscat  vs  Prim Ministru et***” (Rik. Nru.

[1] Dan jirreferi għall-Att tal-1996 dwar l-Arbitrġġ
[2] Paġ. 32 tal-proċess

41/08) li kienet titratta kwestjoni li tixbah il-mertu ta’ din il-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta’ Ottubru, 2010[3], li bih ordnat lir-rikorrenti jirregolaw irwieħhom dwar jekk kienx fadlilhom aktar interess fil-kawża b’riżultat tas-sentenza li kienet ingħatat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża msemmija minnhom fir-rikors Numru 41 tal-2008;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrenti fit-8 ta’ Marzu, 2011[4], u n-Nota mressqa mill-intimati fis-17 ta’ Mejju, 2011[5], bi tweġiba għaliha;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta’ Mejju, 2011[6], li bih tat lill-partijiet il-fakulta’ li jressqu s-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fit-30 ta’ Settembru, 2011[7];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa fit-23 ta’ Diċembru, 2012[8], mill-intimati bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Din hija azzjoni dwar ksur ta’ jedd fundamentali. Ir-rikorrenti, fil-kwalita’ tagħhom ta’ amministraturi ta’ żewġ kondominja f’Tas-Sliema, jgħidu li huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom li jkollhom smigħ xieraq quddiem tribunal indipendenti u imparzjali u dan minħabba li ġġiegħlu biex

[3] Paġ. 37 tal-proċess
[4] Paġ. 39 tal-proċess
[5] Paġġ. 42 – 3 tal-proċess
[6] Paġ. 45 tal-proċess
[7] Paġġ. 48 sa 54 tal-proċess
[8] Paġġ. 59 sa 71 tal-proċess

tabilfors jissottomettu rwieħhom quddiem Tribunal tal-Arbitraġġ fi kwestjoni li nqalgħet ma’ xi kondomini b’rabta ma’ laqgħa ġenerali ta’ kull sena msejħa għas-sidien tal-binja komuni u wkoll mas-servizzi li huma taw fl-istess. Ir-rikorrenti jgħidu li kemm l-artikolu 15(11) tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta’ Malta u kif ukoll l-Avviż Legali 279 tal-2005, safejn iridu li kwestjonijiet bħal dawk imsemmija jridu jitressqu quddiem Tribunal tal-Arbitraġġ imniedi miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ, jiksru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “l-Kostituzzjoni”) u tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”). Huma jitolbu t-twaqqif minnufih tal-proċeduri ta’ arbitraġġ mibdijin kontrihom u l-għoti ta’ kull rimedju ieħor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u meħtieġ;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu billi, b’mod preliminari, qalu li l-intimat Onorevoli Prim Ministru mhuwiex il-kontradittur leġittimu tar-rikorrenti ladarba skond l-artikolu 181B(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta l-intimat l-ieħor l-Avukat Ġenerali jidher fil-kawżi għall-Gvern u għalhekk ma kienx meħtieġ li l-kawża tinfetaħ kontrih ukoll; u qalu wkoll li jonqos fir-rikorrenti l-interess ġuridiku għaliex l-ilmenti tagħhom huma magħmula *in abstracto* kontra l-artikolu tal-liġi li jimponi l-arbitraġġ koatt u mhux għaliex urew li qegħdin iġarrbu tassew xi ksur tal-jedd ta’ smigħ xieraq fil-proċeduri tal-arbitraġġ li huma ssejħu jidhru fih. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li l-Avviż Legali 279 tal-2005 u l-artikolu 15(11) tal-Att tal-1996 dwar l-Arbitraġġ jiksru d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni u taw bosta fehmiet għaliex itennu din il-fehma;

Illi l-<u>fatti ewlenin marbuta mal-kwestjoni</u> u li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li r-rikorrenti huma ko-amministraturi ta’ *Seacliff Apartment Owners’ Association*. Ir-rikorrent Joseph Zrinzo kien segretarju filwaqt li r-rikorrent Xuereb kien il-*managing agent*. L-Assoċjazzjoni tmexxi blokka ta’ appartamenti bl-isem ta’ “*Seacliff Apartments*” li tinsab fi Triq it-Torri, Sliema;

Illi b'talba magħmula fit-30 ta' Marzu, 2009[9], quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ, Norman u Margaret miżżewġin Rossignaud fetħu proċedura għal Arbitraġġ Mandatorju kontra r-rikorrenti biex, għar-raġunijiet minnhom imsemmija, jitolbu t-tħassir ta' laqgħa ġenerali ta' kull sena miżmuma fis-7 ta' Novembru, 2008, u ta' laqgħa ġenerali straordinarja miżmuma fis-27 ta' Frar, 2009, u ta' kulma kien deċiż matulhom, u kif ukoll talbu t-tneħħija ta' xogħlijiet/benefikati li saru fl-ambjenti komuni bil-permess tal-istess rikorrenti. Il-miżżewġin Rossignaud huma sidien ta' wieħed mill-appartamenti fl-imsemmija blokka;

Illi waqt it-trattazzjoni tal-każ quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ, ir-rikorrenti qanqlu l-kwestjoni tal-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. B'deċiżjoni mogħtija fl-4 ta' Novembru, 2009[10], it-Tribunal qatagħha li jissoprassiedi sakemm ir-rikorrenti jressqu l-ilment kostituzzjonali tagħhom quddiem il-qorti kompetenti;

Illi fit-30 ta' Novembru, 2009, ir-rikorrenti fetħu din il-kawża;

Illi l-Qorti tagħraf li l-<u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> li jirrigwardaw il-każ li għandha quddiemha jintrabtu mal-kwestjoni dwar jekk il-proċedura li l-liġi tippreskrivi f'ċerti ċirkostanzi – jiġifieri l-proċedura ta' arbitraġġ mandatorju – tmurx kontra l-jedd ta' smigħ xieraq. Jidher li, mill-mod kif ir-rikorrenti mxew tul iż-żmien kollu ta' din il-ġrajja, kollox jinbena fuq din il-kwestjoni. Kemm hu hekk, kienu l-istess rikorrenti li, kemm quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ (meta s-smigħ tal-każ jidher li kien mexa lil hinn mill-fażi tal-*limine litis*) u kif ukoll quddiem din il-Qorti (ftit wara li l-każ kien tqiegħed għas-smigħ) irriferew għal sentenza li kienet ingħatat minn din il-Qorti (diversament presjeduta) f'kawża li wkoll kienet qanqlet il-kwestjoni ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq fir-rigward tal-istess artikoli tal-liġi li r-rikorrenti jinvokaw fir-rikors promotur tagħhom;

---

[9] Dok "A", f'paġġ. 4 sa 12 tal-proċess
[10] Dok "B", f'paġġ. 13 – 5 tal-proċess

Illi l-Qorti trid tosserva li, madankollu, din il-kwestjoni tal-arbitraġġ mandatorju kienet mistħarrġa f'iżjed minn kawża waħda, imma ġara li l-qrati ta' kompetenza Kostituzzjonali taw fehmiet differenti, jekk mhux ukoll saħansitra kontrastanti, f'każ u f'ieħor. Din is-sentenza trid tingħata b'ħarsien ta' kulma ngħad f'dawk is-sentenzi. Il-każ tal-lum jaqa' wkoll fil-kategorija ta' dawk l-arbitraġġi li l-liġi tagħrafhom bħala arbitraġġi domestiċi;

Illi xieraq li l-Qorti żżomm quddiemha li l-ilment tar-rikorrenti jissejjes fuq l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-konvenzjoni. L-artikolu 39(2) jgħid li "*Kull qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli*". Min-naħa l-oħra, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. ...*";

Illi mis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti, joħroġ ċar li huma jilmintaw minħabba li l-arbitraġġ li ddaħħlu fih mill-miżżewġin Rossignaud kien wieħed furzat "u ma tħalliex li jkun wieħed konsenswali, kif dejjem ġew meqjusa l-proċeduri ta' arbitraġġ. B'hekk jemerġi l-argument legali li għalkemm il-leġislatur qiegħed jitkellem fuq arbitraġġ, fir-realta' qiegħed ixejjen in-natura ta' konsenswalita' tal-proċeduri f'arbitraġġ"[11]. Meħud f'dan il-qafas, joħroġ li r-rikorrenti qegħdin jattakkaw **il-prinċipju** tal-arbitraġġ mandatorju u mhux xi lment li ġarrbu huma waqt il-proċess tal-arbitraġġ li kienu msejħin jidhru fih. Dan il-fatt wassal biex l-intimati nfushom iqajmu eċċezzjoni f'dan is-sens: u jiġifieri jekk ir-rikorrenti *nomine* għandhomx interess ġuridiku jressqu l-ilment tagħhom jekk kemm-il darba l-każ jinbena fuq ilment *in abstracto* u mhux fuq xi

[11] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 48 – 9 tal-proċess

ċirkostanza li setgħet twassal għall-ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq;

Illi r-rikorrenti jirreferu kemm għall-Avviż Legali 279 tal-2005[12] u kif ukoll għall-artikolu 15(11) tal-Att tal-1996 dwar l-Arbitraġġ. Il-Qorti tgħid minnufih li, safejn l-ilment tar-rikorrenti jinbena fuq l-imsemmi Avviż Legali, dan ma għandu x'jaqsam bl-ebda mod mal-każ tagħhom. Jidher li l-imsemmi Avviż Legali jemenda r-Raba' Skeda tal-Att safejn l-imsemmija Skeda titkellem dwar dawk il-kwestjonijiet li jaqgħu taħt Paragrafu 1.2 tat-Taqsima A tagħha – jiġifieri dwar Tilwimiet dwar Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur. Dan ma għandu x'jaqsam xejn ma' kwestjonijiet ta' arbitraġġ mandatorju marbut ma' Tilwimiet dwar *Condominium* li jaqgħu taħt Taqsima 1.1 tal-imsemmija Raba' Skeda u għalhekk l-imsemmi Avviż Legali ma kien qatt maħsub biex jolqot kwestjonijiet jew tilwimiet bħal dik li r-rikorrenti ġew imsejħin iwieġbu għaliha. Il-każ tal-arbitraġġ li fih iddaħħlu r-rikorrenti kien jirrigwarda kwestjoni kondominali u mhux waħda dwar traffiku ta' vetturi bil-mutur. Għalhekk, il-Qorti mhix sejra tqis aktar l-ilment tar-rikorrenti dwar l-imsemmi Avviż Legali;

Illi l-artikolu 15(11) tal-Kap 387 jipprovdi li "*(11) B'żieda ma' dawk imsemmija b'kull liġi oħra, il-klassijiet ta' tilwimiet imsemmija fir-Raba' Skeda huma soġġetti għal arbitraġġ mandatorju u f'dawk il-każijiet il-partijiet għandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta' arbitraġġ relatat ma' dawk it-tilwimiet*";

Illi b'mod partikolari r-rikorrenti jqisu li t-Tribunal tal-Arbitraġġ li quddiemu ċerti klassijiet ta' tilwimiet iridu tabilfors jinstemgħu ma jagħtix il-garanziji mistennija mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni biex jitqies bħala tribunal indipendenti. Biex isaħħu din il-fehma, huma jsemmu partijiet mill-Att biex juru li kemm fit-tfassila u kemm fit-tħaddim, it-Tribunal huwa magħġun mal-fergħa Eżekuttiva tal-Istat, jiddependi fuqha u minnha u, fuq kollox, jonqos fih dik il-kwalita' ta' indipendenza li wieħed għandu

[12] Ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern 29.7.2005, f'paġ. B4065 b'bidu fis-seħħ fl-1.8.2005

jingħata minn tribunal li jrid jiddeċiedi dwar dritt ċivili tiegħu;

Illi kif jgħidu kemm l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ir-rekwiżiti tal-indipendenza u tal-imparzjalita' għall-finijiet tat-tħaris tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq huma ħtiġijiet kumulativi u mhux sempliċement alternativi, u bejniethom u l-garanziji li jiġġeneraw hemm rabta sfiqa[13]. Dan għaliex jekk qorti ma tkunx indipendenti mill-Eżekuttiv, ma jistax li tkun qorti imparzjali. Iżda jista' jkollok qorti li tkun indipendenti kostitutivament li, madankollu, ma tkunx imparzjali. Huwa f'dan id-dawl li l-biċċa l-kbira mis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti jħarsu lejn is-siwi tal-ilment tagħhom;

Illi meta wieħed jiġi biex iqis kif japplika l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni b'rabta ma' l-istħarriġ tal-kwistjoni tal-indipendenza, iridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu (dak li huwa magħruf bħala "*the 'trial as a whole' approach*"[14]), magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-partijiet li jersqu quddiemha kienu ittrattati u mħarsin mill-istess qorti[15];

Illi din il-Qorti tagħraf is-siwi tat-tħassib li juru r-rikorrenti u għandha l-fehmiet tagħha dwar x'kien ikun forsi aktar mixtieq jew rakkomandabbli f'dan l-aspett. Iżda hija tara wkoll li, f'kull waħda mix-xenarji li huma jipprospettaw, is-sistema proċedurali li hu mfassal biex iħaddem it-Tribunal tal-Arbitraġġ jagħti rimedju minnu nnifsu. F'dan il-każ, il-Qorti qegħda tirreferi għall-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni tal-arbitru li tipprovdi għalihom l-istess liġi speċjali li taħtha huwa mwaqqaf it-Tribunal[16]. Qiegħda tirreferi wkoll għall-fatt li l-liġi tagħti jedd ta' appell għal quddiem il-Qorti tal-Appell, kemm fuq punti ta' fatt u kif ukoll punti ta' dritt[17], sakemm il-partijiet infushom ma

---

[13] Q.E.D.B. **27.8.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Demicoli vs Malta*** (Applik. Nru. 13057/87), §§ 37, 39
[14] Q.E.D.B. **23.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Stanford vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 16757/90) § 24
[15] Ara Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**)
[16] Artt. 24 – 5 tal-Kap 387
[17] Art. 15(11A) tal-Kap 387

jkunux qablu minn qabel li d-deċiżjoni arbitrali tkun waħda finali. Minkejja l-mod kif tista' tinħatar biex tippresiedi t-Tribunal f'każijiet fejn il-partijiet infushom ma jkunux qablu dwar persuna partikolari, il-persuna li hekk tinħatar hija mistennija li twettaq il-funzjoni tagħha fuq il-ħila u d-dehen tagħha bla ndħil minn ebda awtorita' oħra jew taħt il-kontroll tal-ebda persuna[18];

Illi r-rikorrenti jressqu argumenti wkoll fuq il-fatt li minn fost il-persuni li jistgħu jinħatru biex jippresiedu t-Tribunal tal-Arbitraġġ jista' jkun hemm uħud li għadhom jaħdmu ta' avukati għal rashom jew f'kapaċita' privata. Jgħidu li dan idaħħal dimensjoni oħra fl-ilment tagħhom, jiġifieri l-biżgħa li lanqas l-imparzjalita' ma hija mħarsa f'arbitraġġi bħal dawn. Iżidu jqabblu d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Arbitraġġ mal-Att dwar it-Tribunal għat-Talbiet Żgħar (Kap 380) u jgħidu li, għallanqas, f'dan hemm iżjed garanziji ta' imparzjalita' u indipendenza milli wieħed isib fit-Tribunal tal-Arbitraġġ. Il-Qorti, f'dan ir-rigward, ma tistax ma tirrimarkax li fil-każ tal-arbitraġġ li għalih issejħu r-rikorrenti, it-Tribunal kien presjedut minn imħallef irtirat li, għal żmien, kien ukoll il-Prim Imħallef u saħansitra mħallef tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi l-Qorti tirrileva li r-rikorrenti fl-ebda waqt ma ressqu sottomissjonijiet dwar kif il-liġi kif inhi llum iċċaħħadhom mill-jedd ta' aċċess għal qorti;

Illi min-naħa tagħhom, l-intimati jgħidu li t-Tribunal tal-Arbitraġġ iwettaq ir-rekwiżiti kollha mistennija minn tribunal imparzjali u indipendenti. Huma jgħaddu biex jagħmlu rassenja ta' ġurisprudenza biex juru kif it-Tribunal jilħaq dawn il-kwalitajiet kollha;

Illi, kif ingħad qabel, il-fehma tal-Qrati Maltin dwar l-effetti tal-arbitraġġ koatt ma kenitx waħda u la unanimi u lanqas kostanti. Saħansitra fil-kawża li r-rikorrenti tant straħu fuqha biex isostnu l-każ tagħhom – jiġifieri l-kawża ***Joseph Muscat vs Il-Prim Ministru et*** – il-Qorti Kostituzzjonali[19] dawret is-sentenza li kienet ingħatat minn

[18] Art. 4(4) tal-Kap 387
[19] Sentenza tas-**6.9.2010**

din il-Qorti (diversament presjeduta)[20] u li kienet sabet li l-mod kif jitwaqqaf it-Tribunal tal-Arbitraġġ jikser il-jedd ta' smigħ xieraq kemm f'dak li jirrigwarda l-indipendenza tiegħu u kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' aċċess għal qorti. F'dik il-kawża, il-Qorti Kostituzzjonali waslet għall-fehma li l-fatt li ċ-*Chairman* taċ-Ċentru jasal biex jaħtar hu l-arbitru li jintgħażel biex jisma' l-arbitraġġ (f'każ fejn il-partijiet ma jkunux qablu dwar persuna partikolari) ma jġibx b'daqshekk nuqqas ta' imparzjalita' fil-persuna li fl-aħħar mill-aħħar tinħatar biex tisma' dak il-każ, u lanqas ma ġġib nuqqas ta' indipendenza fit-Tribunal (sakemm il-Gvern ma jkunx wieħed mil-litiganti). Min-naħa l-oħra, t-tneħħija ta' persuna mill-*panel* ta' arbitri hija dejjem suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju mill-Qrati ordinarji. Qalet ukoll li s-setgħat ta' ndħil jolqtu l-'proċedimenti' u mhux ukoll il-mertu tad-deċiżjonijiet li jittieħdu, liema ndħil tqies bħala għodda maħsuba mil-liġi biex isaħħu l-effiċenza u t-tħaddim tajjeb tal-proċeduri u mhux biex idgħajfu l-indipendenza tal-arbitru l-magħżul;

Illi ftit aktar minn sena wara, l-istess Qorti Kostituzzjonali (komposta minn imħallfin oħrajn) reġgħet sabet quddiemha każ li jixbah lil dak ta' ***Muscat*** u li wkoll kien jirrigwarda l-kwestjoni tal-arbitraġġ mandatorju u l-effett ta' dan l-istitut fuq il-jedd ta' smigħ xieraq kif imħares kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni[21]. Din id-darba, l-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta)[22] li kienet sabet li l-arbitraġġ mandatorju maħsub fil-Kap 387 jikser tabilħaqq il-jedd ta' smigħ xieraq quddiem tribunal indipendenti u imparzjali. F'dak il-każ, l-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali kien imsejjes fuq (i) il-mod kif jintgħażel arbitru biex jisma' każ meta l-partijiet ma jkunux qablu bejniethom fuq persuna partikolari; (ii) il-fatt li meta tqum kwestjoni partikolari, l-partijiet mgħandhomx għażla oħra ħlief li jduru għall-arbitraġġ mandatorju biex isibu tarf tal-kwestjoni tagħhom, u għalhekk ma jistgħux ifittxu r-rimedju quddiem qorti ordinarja; u (iii) minħabba li, kif kienet il-liġi fiż-żmien tal-każ, il-proċedura tal-arbitraġġ

[20] Sentenza tad-**29.5.2009**
[21] Kost. **30.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***H. Vassallo & Sons Ltd vs Avukat Ġenerali et***
[22] Sentenza **11.3.2010**

mandatorju ma kenitx tagħti r-rimedju ta' appell jekk mhux fuq punt ta' dritt. Ma kienx traskurabbli wkoll il-fatt li waħda mill-partijiet fl-arbitraġġ kienet entita' pubblika kontrollata mill-Gvern;

Illi din il-kwestjoni reġgħet kienet il-mertu ta' riferenza magħmula lil din il-Qorti (diversament presjeduta) f'Novembru tal-2011. Hawnhekk ukoll, il-Qorti Kostituzzjonali[23] reġgħet tenniet il-fehmiet li kienet għamlet fil-kawża ***Muscat*** u qalbet id-deċiżjoni milħuqa mill-ewwel Qorti li kienet sabet li kien hemm ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Il-Qorti Kostituzzjonali sabet li l-klassijiet ta' kwestjonijiet li l-liġi tqiegħed suġġetti għall-arbitraġġ mandatorju huma minnhom infushom kwestjonijiet li fihom iċ-*chairman* taċ-Ċentru mhuwiex mistenni li jkollu interess joqgħod jaħtar arbitri li tilwimiet ta' din l-għamla jaqtugħhom b'mod u mhux b'ieħor; sabet ukoll li l-ħatra nnifisha taċ-*chairman* taċ-Ċentru tal-Arbitraġġ tiggarantixxi "*security of tenure*" sakemm iddum fis-seħħ; filwaqt li sabet ukoll li l-istess jista' jingħad dwar l-arbitri li jinħatru biex jisimgħu u jaqtgħu l-kwestjoni li titressaq quddiemhom, ukoll fejn dawn ma jkunux inħatru bi qbil bejn il-partijiet. Żiedet żewġ kunsiderazzjonijiet oħrajn. L-ewwel waħda hija li f'dak il-każ, il-partijiet li ressqu l-ilment dwar il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq kienu ħadu sehem sħiħ fil-proċedura tal-arbitraġġ minkejja li kien arbitraġġ koatt (fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, għalkemm ir-rikorrenti għall-bidu ma kinux ħassew li kellhom iqanqlu l-ilment tagħhom, dan għamluh wara li l-arbitraġġ kien mexa 'l quddiem sewwa). It-tieni waħda hi li l-benefiċċji tal-istitut tal-arbitraġġ (ukoll dak mandatorju) iridu jitqiesu fil-qafas tad-dmir tal-Istat li jorganiżża s-sistema ġudizzjarju tiegħu b'mod li jassigura ġustizzja effiċjenti fi żmien raġonevoli. Dehrilha li s-sentenzi l-oħrajn fejn instab li kien hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq kienu l-frott ta' "beżgħat imġebbda u xejn realistiċi";

Illi din il-Qorti, filwaqt li tagħraf li fis-sistema proċedurali ġudizzjarju Malti ma hemmx il-preċedent li jorbot, temmen li huwa ta' siwi akbar li jkun hemm ċertezza tad-dritt u

[23] Kost. **25.1.2013** fl-atti tar-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Untours Insurance Agency Ltd et vs Victor Micallef et***

b'mod partikolari li bil-ħarsien li jagħtu l-qrati lit-tħaddim ta' istituti maħsuba li jagħtu rimedju alternativ għal-litigazzjoni fil-qorti, jitnissel is-serħan il-moħħ li dawk l-istituti (bħalma huwa l-arbitraġġ u l-medjazzjoni) jafu jkunu għodda effettiva, ekwa u mħaffa biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Din il-Qorti, mbagħad, tqis li huwa sinjifikanti li l-leġislatur ra kif għamel u daħħal bidliet effettivi fil-Kap 387 li bihom issaħħaħ l-iskrutinju ġudizzjarju ta' proċedimenti bħal dawk. Dawn il-bidliet jagħtu rimedju ulterjuri b'garanzija ta' stħarriġ sħiħ fis-sustanza tal-ilment u mhux biss tas-siwi tal-proċedura segwita;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma ġarrbux ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq bil-fatt waħdu li huma ssejħu biex jidhru għal proċediment ta' arbitraġġ mandatorju u għalhekk l-ewwel talba tagħhom m'hijiex sejra tintlaqa'. Madankollu, jidhrilha li għall-finijiet tal-kap tal-ispejjeż jixraq li jkun hemm temperament minħabba n-natura tal-kwestjoni u l-iżvilupp mhux dejjem konsistenti mħaddan mill-qrati dwarha;

Illi fl-aħħarnett, il-Qorti sejra tgħaddi biex tistħarreġ l-**eċċezzjoni preliminari** tal-intimati. Din trid li l-Prim Ministru jitqies li ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. L-intimati jgħidu li l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jirregola b'mod ċar min għandu jidher għall-Gvern f'kawżi quddiem il-Qrati;

Illi għalkemm din il-Qorti kienet għal żmien tal-fehma li l-Prim Ministru kien il-persuna li jmissha twieġeb għal ilment ta' xejra kostituzzjonali fejn dan jirrigwarda s-siwi ta' liġi, jidher li llum din il-fehma ma għadhiex taqbel ma deċiżjonijiet mogħtija fir-rigward mill-Qorti Kostituzzjonali[24];

Illi għalhekk l-imsemmija eċċezzjoni hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa';

[24] Ara, b'eżempju, Kost. **31.1.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Lgt. Kur. Mario Schembri et vs L-Onor. Prim Ministru et***

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati u ssib li l-intimat Onorevoli Prim Ministru mhux il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u għalhekk teħilsu milli jibqa' fil-kawża;

**Tiċħad l-ewwel talba** tar-rikorrenti billi ma jiriżultax li huma ġarrbu jew sejrin iġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni;

**Tiċħad it-talbiet l-oħrajn** tar-rikorrenti billi huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, **kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------